MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Numru. 44/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Antoine Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Antoine Farrugia, ta' hamsa u ghoxrin sena, iben Austin u Maria Dolores neé Pace, imwieled fis-17 ta' April 1985 u residenti fil-fond Block C, Flat 8, Tac-Cawla Estate, Triq tac-Cawla, Rabat Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita'

numru 19385(G) li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Marzu 2011, u fil-granet ta' qabel, gewwa l-Qala, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. Sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min numru tar-registrazzjoni ta' vettur jaqra' DQZ067.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-25 ta' April 2011 li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

Semghet ukoll dak li wassal lill-imputat iwettaq ir-reat li bih huwa qieghed jigi akkuzat,

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija u kif ukoll dak li wassal lill-imputat iwettaq ir-reat li tieghu huwa akkuzat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------